ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 107

Edizzjoni bil-Malti

Volum 56

13 ta' April 2013

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru	Werrej	Paġna
	II *Komunikazzjonijiet*	
	KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA	
	Il-Kummissjoni Ewropea	
2013/C 107/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6801 – Rosneft/TNK-BP) (1)	1
2013/C 107/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6853 – Flextronics International/ Certain Assets Belonging to Motorola Mobility) (1)	1
2013/C 107/03	L-Impriża Konġunta SESAR – Adozzjoni tal-Baġit 2012	2
	IV *Informazzjoni*	
	INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA	
	Il-Kummissjoni Ewropea	
2013/C 107/04	Rata tal-kambju tal-euro	3

MT

Prezz: EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

2013/C 107/05 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2013 li twaqqaf grupp ta' esperti dwar il-miżuri kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna tal-UE ("il-Grupp ta' Esperti dwar l-Armi tan-Nar") 4

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 107/06 Sejħa għall-proposti għal azzjonijiet indiretti li jaqgħu fi ħdan il-Programm multiannwali tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal meta jużaw l-Internet u teknoloġiji oħrajn tal-komunikazzjoni (Internet Aktar Sikur) (1) 7

Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

2013/C 107/07 Sejħa għal turija ta' interess għal sħubija fil-panils Xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma, l-Italja) 11

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 107/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6891 – Agrofert/Lieken) (1) 19

2013/C 107/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6842 – Goldman Sachs/TPG Lundy/Verna Group) (1) 20

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.6801 – Rosneft/TNK-BP)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 107/01)

Fit-8 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6801. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.6853 – Flextronics International/Certain Assets Belonging to Motorola Mobility)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 107/02)

Fit-8 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6853. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

L-Impriża Konġunta SESAR – Adozzjoni tal-Baġit 2012

(2013/C 107/03)

Wara l-adozzjoni tal-Baġit tal-Impriża Konġunta SESAR (l-"SJU") tal-2012 mill-Bord Amministrattiv tal-SJU ref ADB(D) 09-2011, kif ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-31 ta' Marzu 2012 (ref. 2012/C 96/06), il-Bord Amministrattiv tal-SJU adotta żewġ reviżjonijiet tiegħu: waħda fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2012 ref ADB(D) 12-2012 u oħra f'Diċembru 2012 ref ADB(D) 14-2012. Id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Bord Amministrattiv jinsabu fis-sit elettroniku tal-SJU http://www.sesarju.eu/about/adbmeetings

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

It-12 ta' April 2013

(2013/C 107/04)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,3052	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2396
JPY	Yen Ġappuniż	129,54	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3207
DKK	Krona Daniża	7,4552	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,1303
GBP	Lira Sterlina	0,84970	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5182
SEK	Krona Żvediża	8,3373	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6153
CHF	Frank Żvizzeru	1,2167	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 474,85
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,6565
NOK	Krona Norveġiża	7,4820	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,0819
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,6125
CZK	Krona Ċeka	25,871	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 670,52
HUF	Forint Ungeriż	294,55	MYR	Ringgit Malażjan	3,9662
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,903
LVL	Lats Latvjan	0,7006	RUB	Rouble Russu	40,4950
PLN	Zloty Pollakk	4,1040	THB	Baht Tajlandiż	37,890
RON	Leu Rumen	4,3890	BRL	Real Brażiljan	2,5827
TRY	Lira Turka	2,3353	MXN	Peso Messikan	15,7440
			INR	Rupi Indjan	71,1660

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' April 2013

li twaqqaf grupp ta' esperti dwar il-miżuri kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna tal-UE ("il-Grupp ta' Esperti dwar l-Armi tan-Nar")

(2013/C 107/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-politiki tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea evolvew reċentement. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona dwar is-sigurtà interna ppermettew l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna bbażata fuq il-promozzjoni ta' azzjoni konġunta biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni fir-rigward tas-sigurtà ([1]).

(2) Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, elenka t-traffikar tal-armi tan-nar bħala waħda mit-theddidiet għas-sigurtà interna tal-UE ([2]).

(3) Sabiex ikun żgurat li l-Kummissjoni tkun tista' tikkonsulta ma' speċjalisti li huma esperti fil-kwistjonijiet relatati mat-traffikar tal-armi tan-nar, l-iżviluppi fit-theddidiet relatati mas-sigurtà u l-bżonnijiet li qed jevolvu tal-awtoritajiet kompetenti, hemm bżonn li jiġi stabbilit grupp ta' esperti f'dan il-qasam u li jiġu ddefiniti l-kompiti u l-istruttura tiegħu.

(4) Il-grupp għandu jgħin biex jiżviluppa u jxerred il-gwida dwar l-aħjar prattika fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar f'livell operattiv, u biex jirrevedi l-effettività ta' dik il-gwida.

(5) Il-grupp għandu jkun magħmul minn esperti mill-qasam tas-sigurtà interna, inklużi manifatturi tal-armi tan-nar u riċerkaturi u kull individwu ieħor li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, joffri għarfien espert ta' valur li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-abbozzar possibbli tal-proposti leġiżlattivi u l-inizjattivi politiki biex jittejbu l-miżuri kontra dan it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna tal-UE.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar iż-żvelar tal-informazzjoni minn membri tal-grupp.

(7) Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([3]).

(8) Huwa xieraq li jiġi stabbilit perjodu ta' ħames snin għall-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni. Meta jasal iż-żmien, il-Kummissjoni tikkunsidra jekk tkunx rakkomandabbli estensjoni.

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

Il-grupp ta' esperti dwar il-miżuri kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna tal-UE ("il-grupp") huwa stabbilit b'dan.

Artikolu 2

Kompiti

1. Il-grupp għandu:

(a) jipprovdi forum għad-djalogu u biex jinqasmu l-esperjenzi dwar il-miżuri eżistenti u dawk futuri biex jiġi miġġieled it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar u biex jiġu kondiviżi l-esperjenzi u l-aħjar prattika marbutin ma' kwistjonijiet ta' traffikar illeċitu tal-armi tan-nar bħala għajnuna lill-Kummissjoni biex tħejji proposti leġiżlattivi u inizjattivi politiki biex jittejbu l-miżuri kontra l-kriminalità.

(b) jiskambja informazzjoni dwar il-bidliet fit-teknoloġiji relatati mal-armi tan-nar u fir-rekwiżiti leġittimi ta' awtoritajiet kompetenti tas-sigurtà interna tal-Istati Membri li huma rilevanti għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-konvenzjonijiet internazzjonali relatati mat-traffikar illeċitu.

(c) jimmonitorja l-evoluzzjoni tal-politika dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar u jidentifika d-diffikultajiet li xirfu fil-livell nazzjonali jew transfruntier, b'rabta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-konvenzjonijiet internazzjonali mill-perspettiva tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi;

(d) jidentifika l-aħjar prattika fi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar.

2. L-attivitajiet tal-grupp ma għandhomx ikunu ta' ħsara għal dawk tal-Grupp ta' Kuntatt tal-esperti nazzjonali dwar l-armi tan-nar li diġà ġie stabbilit bid-Direttiva 91/477/KEE kif ġiet

([1]) ĠU C 115, 9.5.2008.
([2]) ĠU C 115, 4.5.2010.
([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

emendata bid-Direttiva 2008/51/KE, li għandu l-kompetenza esklużiva li jiddiskuti l-kwistjonijiet koperti minn dawn id-Direttivi relatati mal-kummerċ legali tal-armi tan-nar ċivili.

Artikolu 3

Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mat-traffikar tal-armi tan-nar rilevanti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati serji.

Artikolu 4

Shubija – Ħatra

1. Il-membri tal-grupp ta' esperti għandhom ikunu:

(a) Awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri (sa disa' membri);

(b) Esperti minn universitajiet, istituti ta' riċerka u organizzazzjonijiet mhux governattivi (sa tliet membri);

(c) Assoċjazzjonijiet ta' manifatturi Ewropej tal-armi tan-nar (sa żewġ membri);

(d) L-Uffiċju Ewropew tal-Pulizija (membru wieħed);

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija msemmijin fil-punti (a) u (d) tal-paragrafu 1 għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom. Il-membri msemmijin fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jinħatru, fil-kapaċità personali tagħhom, mid-Direttur Ġenerali ta' DĠ Affarijiet Interni wara sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet biex wieħed isir membru tal-grupp ta' esperti. Il-membri msemmijin fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jinħatru mid-Direttur Ġenerali ta' DĠ Affarijiet Interni wara li ssir sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet. Il-membri tal-grupp ta' esperti jinħatru għal ħames snin. Huma għandhom jibqgħu fil-kariga sa meta jiġu ssostitwiti jew jispiċċalhom il-mandat. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

Fir-rigward tal-membri msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1, jista' jiġi stipulat li l-għadd tal-membri supplenti li jinħatru jkun daqs dak tal-membri. Il-membri supplenti għandhom jinħatru b'konformità mal-istess kundizzjonijiet bħall-membri; is-supplenti jissostitwixxu awtomatikament kwalunkwe membru li jkun assenti jew indispost. Jekk, kemm il-Membru u kemm il-membru supplenti tiegħu jkunu assenti jew indisposti, il-Membri jistgħu, bil-qbil tal-President tal-grupp, jinnominaw esperti biex jirrappreżentawhom fil-laqgħat.

3. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv għad-deliberazzjonijiet tal-grupp ta' esperti, li jirriżenjaw jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jiġu sostitwiti għall-bqija tal-mandat tagħhom.

4. Membri maħtura fil-kapaċità personali tagħhom għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-pubbliku.

5. L-ismijiet tal-membri għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti u Entitajiet Simili Oħra tal-Kummissjoni ("ir-Reġistru").

6. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi proċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 5

L-operat

1. Il-grupp għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Bi qbil mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-grupp jista' jistabbilixxi sottogruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi ta' termini ta' referenza definiti mill-grupp. Dawn is-sottogruppi jżarmaw malli jkunu wettqu l-mandat tagħhom.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista', jistieden esperti minn barra l-grupp, inklużi rappreżentanti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li jkollhom kompetenza speċifika f'suġġett li jkun fuq l-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-grupp jew tas-sottogrupp fuq bażi *ad hoc*.

3. Il-membri tal-grupp u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti fit-Trattati u fir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-siġurtà li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tat-tagħrif ikklassifikat tal-UE, stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE [1]. Jekk jonqsu milli jħarsu dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri kollha xierqa.

4. Il-laqgħat tal-grupp u s-sottogruppi għandhom jinżammu fil-bini tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi segretarjali. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li jkollhom interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tas-sottogruppi tiegħu.

5. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli tal-proċedura standard adottati mill-Kummissjoni.

Il-President tal-grupp għandu jżomm lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS) infurmat bil-ħidma tal-grupp.

6. Il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti kollha (bħall-aġendi, il-minuti u l-kontributi tal-parteċipanti), fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti u Gruppi Oħra Simili tal-Kummissjoni jew permezz ta' ħolqa mir-Reġistru għas-sit elettroniku ddedikat fejn jista' jinstab it-tagħrif. Għandhom jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni sistematika meta l-iżvelar ta' dokument idgħajjef il-ħarsien ta' interess pubbliku jew privat kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

[1] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

Artikolu 6

L-ispejjeż tal-laqgħat

1. Il-parteċipanti fil-grupp ma għandhomx jiġu rimunerati għas-servizzi li jagħtu.

2. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-għajxien li jġarrbu l-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

3. Spejjeż bħal dawn għandhom jiġu rimborżati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 7

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sa ħames snin wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Cecilia MALMSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti għal azzjonijiet indiretti li jaqgħu fi ħdan il-Programm multiannwali tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal meta jużaw l-Internet u teknoloġiji oħrajn tal-komunikazzjoni (Internet Aktar Sikur)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 107/06)

1. Skont id-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni [1] (Internet Aktar Sikur), il-Kummissjoni Ewropea b'dan qed tistieden proposti għal azzjonijiet biex jiġu ffinanzjati permezz tal-programm.

   Il-programm "Internet Aktar Sikur" huwa bbażat fuq erba' azzjonijiet:

   (a) l-iżgurar tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

   (b) il-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-indirizzar tal-imġiba dannuża fuq l-internet;

   (c) il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet;

   (d) il-ħolqien ta' bażi tal-għarfien.

   Il-programm huwa s-suċċessur tal-programm Internet Aktar Sikur plus (Safer Internet plus) (bejn l-2005 u l-2008).

2. F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea fasslet Programm ta' Ħidma [2] biex iservi ta' bażi għall-implimentazzjoni tal-programm fl-2013. Il-Programm ta' Ħidma fih aktar informazzjoni dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet, il-baġit indikattiv u t-tipi ta' azzjonijiet imsemmija f'dan l-avviż tas-sejħa u r-regoli tal-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fih.

3. Il-Gwida għall-Proponenti fiha informazzjoni dwar kif għandhom jitħejjew u jitressqu l-proposti u dwar il-proċess tal-evalwazzjoni [3].

   Din id-dokumentazzjoni, flimkien mal-Programm ta' Ħidma u ma' kwalunkwe informazzjoni oħra marbuta ma' din is-sejħa, jistgħu jinkisbu mingħand il-Kummissjoni Ewropea fuq dan l-indirizz li ġej:

   European Commission
   Directorate-General for Communications Networks, Content and Technology
   Media and Data
   Inclusion, Skills and Youth
   EUFO 2268
   2920 Luxembourg
   LUXEMBOURG

   Faks +352 4301-34079
   Posta elettronika: CNECT-SAFERINTERNET@ec.europa.eu
   Internet: https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/safer-internet-programme-call-proposals-2013

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1954 ta' 11.4.2013, https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/safer-internet-programme-call-proposals-2013
[3] https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/safer-internet-programme-call-proposals-2013

4. Jistgħu jsiru proposti għall-partijiet tas-sejħa identifikati hawn taħt. L-applikanti li jixtiequ jressqu proposti għal aktar minn parti waħda tas-sejħa għandhom iressqu proposti separati għal kull parti.

5. Il-baġit totali indikattiv disponibbli għal din is-sejħa taħt il-baġit tal-2013 huwa ta' EUR 2 275 600 tal-kontribuzzjoni tal-UE ([4]).

L-għotjiet għall-proposti mressqa bi tweġiba għal din is-sejħa se jingħataw permezz ta' ftehimiet ta' għotja.

L-evalwazzjoni tal-proposti se twassal għal lista ta' proposti li għandhom jiġu ffinanzjati. Din il-lista tista' tiġi kkumplimentata minn lista ta' riżerva ta' proposti ta' kwalità suffiċjenti, li għandhom jiġu ffinanzjati jekk il-baġit jippermetti.

6. Is-sejħa għall-proposti f'dan il-Programm ta' Ħidma hija miftuħa għall-entitajiet legali kollha stabbiliti fl-Istati Membri. Hija miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Istati EFTA li huma partijiet kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE (in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein).

Is-sejħa hija miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm ([5]), dejjem jekk ikun iffirmat ftehim bilaterali. Jekk il-proposti mressqa mill-entitajiet legali minn dawn il-pajjiżi jintgħażlu għall-finanzjament, il-ftehim tal-għotja se jiġi ffirmat biss ladarba jkunu ttieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pajjiż ikkonċernat jissieħeb fil-Programm permezz tal-iffirmar ta' ftehim bilaterali. L-informazzjoni aġġornata dwar liema pajjiżi huma msieħba fil-Programm hija disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Programm http://ec.europa.eu/saferinternet

Entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi li mhumiex fl-UE, minbarra dawk imsemmija hawn fuq, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali, jistgħu jieħdu sehem fil-proġetti kollha bi spejjeż tagħhom stess.

Parti 1 – Il-partijiet tas-sejħa

Azzjoni 1 u azzjoni 2: NETWERK EWROPEW TAĊ-ĊENTRI TAL-INTERNET AKTAR SIKUR ([6])

7. Identifikatur: 1.1. **PJATTAFORMI PILOTA GĦAL ĊENTRI TAL-INTERNET AKTAR SIKUR**

Il-Programm jistieden proposti għal proġett pilota bl-għanijiet li ġejjin:

(a) Li jippjana, jiżviluppa u jittestja pjattaforma pilota biex jikkondividi r-riżorsi, is-servizzi u l-prattiki tajba għal Ċentri tal-Internet Aktar Sikur.

(b) Li jistabbilixxi bażi tad-dejta pilota li ttejjeb in-netwerk tal-kapaċità tal-hotlines biex tidentifika l-pornografija tat-tfal u tanalizza l-immaġnijiet u l-vidjos tal-abbuż tat-tfal. Ir-riżultati tal-proġett iridu jkunu aċċessibbli għall-hotlines tal-membri tal-INHOPE u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi wara li jintemm il-proġett.

Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti speċifiċi għal dan il-proġett pilota huma stipulati f'iktar dettall fil-Programm ta' Ħidma.

L-utenti aħħarin potenzjali/il-grupp fil-mira tal-pjattaforma pilota għandhom ikunu tal-inqas 10 Ċentri tal-Internet Aktar Sikur.

Il-proġett pilota għandu jintemm indikattivament sa Ottubru 2014.

Il-proġett pilota se jitwettaq bħala netwerk integrat u l-koordinaturi se jirċievu sa 100 % tal-ispejjeż diretti eliġibbli (kif inhu spjegat fil-mudell tal-ftehim tal-għotja) ħlief għall-ispejjeż indiretti (overheads).

Azzjoni 3: PROMOZZJONI TA' AMBJENT AKTAR SIKUR FUQ L-INTERNET

8. Identifikatur: 3.1. **NETWERK TEMATIKU: NETWERK TA' NGO GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL FUQ L-INTERNET**

Il-programm jistieden l-istabbiliment ta' netwerk tematiku għall-protezzjoni tat-tfal fuq l-internet sabiex jiżgura li l-protezzjoni u d-drittijiet tat-tfal se jiġu inklużi fl-aġenda fejn jiġu diskussi kwistjonijiet marbuta mal-amministrazzjoni fuq l-internet, iċ-ċiberkriminalità u l-internet u s-sikurezza/sigurtà fuq l-internet, mill-atturi nazzjonali u internazzjonali rilevanti.

([4]) Bil-kundizzjoni li l-abbozz tal-baġit għall-2013 jiġi adottat mingħajr modifiki mill-Awtorità Baġitarja.
([5]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 1.
([6]) L-Azzjoni 1 tad-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE hija "l-iżgurar tal-kuxjenza pubblika"; l-Azzjoni 2 hija "il-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba u l-kuntatt dannużi fuq l-internet".

Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti speċifiċi għal dan in-netwerk tematiku huma stipulati f'iktar dettall fil-Programm ta' Ħidma.

L-ispejjeż tal-koordinatur tan-netwerk għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tan-netwerk huma koperti f'rata sa 100 % tal-ispejjeż diretti eliġibbli (kif spjegat fil-mudell tal-ftehim tal-għotja), bl-esklużjoni tal-ispejjeż indiretti (overheads). Il-membri tan-netwerk ikopru l-ispejjeż amministrattivi tagħhom ħlief l-ivvjaġġar għal-laqgħat tan-netwerk, li jistgħu jiġu rimborżati taħt il-baġit tan-netwerk.

Parti 2 – Kriterji ta' evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-proposti se tkun ibbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament ugwali. Din l-evalwazzjoni se titwettaq mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Kull proposta mressqa se tkun ivvalutata abbażi ta' kriterji ta' evalwazzjoni, li huma maqsuma fi tliet kategoriji: il-kriterji tal-eliġibbiltà, il-kriterji tal-għotja u l-kriterji tal-għażla. Huma biss il-proposti li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà li se jiġu evalwati aktar fil-fond. Hawn taħt qed tingħata d-deskrizzjoni ta' dawn il-kriterji.

9. **Kriterji tal-eliġibbiltà**

Mal-wasla tagħhom, il-proposti u l-applikazzjonijiet kollha se jiġu suġġetti għal verifika tal-eliġibbiltà, biex jiġi żgurat li huma konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa u mal-proċedura tat-tressiq tagħhom.

Se jitwettqu l-verifiki li ġejjin:

— Li l-proposta tkun waslet għand il-Kummissjoni fid-data u l-ħin tal-iskadenza stabbiliti fis-sejħa jew qabel.

— Li l-proposta tkun kompluta. Il-proposti li ma jkunux kompluti b'mod sostanzjali – jiġifieri li fihom il-formoli ma jkunux jinkludu biżżejjed informazzjoni biex jiġu identifikati is-sħab u l-istatus legali tagħhom u biex jiġi evalwat l-ambitu tal-proġett propost – ser jiġu esklużi.

Barra minn hekk, il-proponenti jridu jiċċertifikaw li huma ma jinsabux f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-Programm ta' Ħidma li teskludihom milli jipparteċipaw.

10. **Kriterji tal-għotja**

Sabiex jiġi evalwat il-mertu relattiv tal-proposti mibgħuta, kull mezz għall-implimentazzjoni tal-programm (in-netwerks integrati, il-proġetti mmirati u tat-titjib tal-għarfien u n-netwerks tematiċi) se jkollu s-sett speċifiku tiegħu tal-kriterji tal-għotja, b'ippeżar speċifiku. Id-deskrizzjoni ta' dawn il-kriterji tal-għotja hija ppreżentata fil-Programm ta' Ħidma tal-2013 għal Internet Aktar Sikur ([7]).

11. **Kriterji tal-għażla**

Il-kriterji tal-għażla se jiżguraw li l-applikanti jkollhom ir-riżorsi biex jikkofinanzjaw il-proġett u l-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex iwettqu x-xogħol b'suċċess.

Il-kriterji tal-għażla jiġu applikati abbażi tal-informazzjoni mogħtija fil-proposta. Jekk din tidentifika każijiet ta' nuqqas ta' kapaċità finanzjarja jew ta' kompetenza professjonali, jistgħu jkunu meħtieġa azzjonijiet ta' kumpens bħal garanziji finanzjarji jew azzjonijiet oħra. Il-proposti magħżula li jissejħu għan-negozjati se jkunu s-suġġett ta' validazzjoni formali legali u finanzjarja bħala rekwiżit għall-ħruġ ta' ftehim tal-għotja.

Id-deskrizzjoni tal-kriterji tal-għażla hija mogħtija fil-Programm ta' Ħidma tal-2013 għal Internet Aktar Sikur.

Parti 3 – Dettalji amministrattivi u skadenza

12. Il-proposti jridu jitħejjew fuq il-formoli mogħtija fil-Gwida għall-proponenti, u jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni f'forma stampata waħda (1) oriġinali u ħames (5) kopji, akkumpanjati minn kopja elettronika fuq CD-Rom, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Communications Networks, Content and Technology
Media and Data
Inclusion, Skills and Youth
EUFO 2268
2920 Luxembourg
LUXEMBOURG

([7]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

13. Id-data u l-ħin tal-iskadenza għat-tressiq tal-proposti kollha: **it-23 ta' Mejju 2013 fil-17:00 (ħin lokali tal-Lussemburgu)**.

    Il-proposti li jaslu wara l-iskadenza, jew li jintbagħtu permezz tal-feks jew permezz tal-posta elettronika mhux se jitqiesu.

14. L-iskeda indikattiva tal-evalwazzjoni u tal-għażla: l-evalwazzjoni se ssir fi żmien xahrejn mid-data tal-iskadenza ta' din is-sejħa. L-applikanti se jiġu informati dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni tagħhom wara li tkun seħħet l-evalwazzjoni (tentattivament f'Settembru) u l-ftehim tal-għotja se jiġi ffirmat sal-aħħar tal-2013. Iż-żmien ta' xi proġetti ġodda se jikkunsidra l-ftehimiet tal-għotja eżistenti sabiex jiżgura li ma jkunx hemm trikkib ma' attivitajiet simili kif ukoll l-kontinwità tal-attivitajiet. F'tali każijiet l-applikanti jistgħu jitolbu li l-azzjoni tibda bejn id-data ta' sottomissjoni tal-proposta tagħhom u l-firma tal-ftehim tal-għotja.

15. Għall-korrispondenza kollha marbuta ma' din is-sejħa (pereżempju meta tintalab xi informazzjoni jew meta tintbagħat proposta), jekk jogħġobkom żguraw li ssemmu l-identifikatur tal-parti tas-sejħa applikabbli.

    Meta jressqu proposta, l-applikanti jkunu qed jaċċettaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet kif deskritti f'din is-sejħa u fid-dokumenti li jirreferu għaliha.

    Il-proposti kollha li jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea se jiġu ttrattati b'mod strettament kunfidenzjali.

    L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u, f'dan il-kuntest, in-nisa huma mħeġġa b'mod partikulari biex iressqu proposti jew biex jinvolvu ruħhom fit-tressiq tagħhom.

AWTORITÀ EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ FL-IKEL

Sejħa għal turija ta' interess għal sħubija fil-panils Xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma, l-Italja)

(2013/C 107/07)

"Panil dwar l-addittivi fl-ikel u sorsi nutrijenti miżjudin fl-ikel" (ANS)

u

"Panil dwar il-materjali ta' kuntatt mal-ikel, enzimi, togħmiet u għajnuniet fl-ipproċessar" (CEF)

Ref.: EFSA/E/2013/001

1. Suġġett tas-Sejħa

Din is-sejħa hija indirizzata lix-xjenzati li jixtiequ li jiġu kkunsidrati għas-sħubija fil-Panil xjentifiku dwar l-addittivi fl-ikel u sorsi nutrijenti miżjudin fl-ikel (ANS) jew fil-Panil xjentifiku dwar il-materjal ta' kuntatt mal-ikel, enzimi, togħmiet u għajnuniet fl-ipproċessar (CEF) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex jiġu identifikati l-aqwa xjenzati Ewropej għal dan il-kompitu.

Il-membri attwali tal-Panils Xjentifiċi tal-ANS u s-CEF qegħdin iservu mandat ta' tliet snin li sejjer jiskadi f'Lulju 2014. L-applikanti li sejrin ikollhom suċċess f'din is-sejħa sejrin jinħatru bħala membri ta' wieħed mill-Panils ta' hawn fuq għat-terminu ta' tliet snin li jibda f'Lulju 2014.

2. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija l-qafas ewlieni tal-valutazzjoni tar-riskji tal-Unjoni Ewropea (UE) fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf. B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u b'konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet interessati tagħha, l-EFSA tipprovdi pariri xjentifiċi indipendenti u komunikazzjoni ċara fuq riskji eżistenti u emerġenti bbażati fuq l-aktar metodoloġiji xjentifiċi u dejta xjentifika aġġornata disponibbli. Il-parir xjentifiku tagħha huwa l-bażi tal-politiki u deċiżjonijiet tal-ġesturi tar-riskji fl-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri tal-UE.

L-EFSA tlaqqa' flimkien lill-aqwa esperti Ewropej disponibbli fil-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, li jaġixxu b'kapaċità indipendenti għal organizzazzjoni awtonoma u mmexxija minnha stess biex tipprovdi lill-Istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri b'parir xjentifiku tal-ogħla livell.

L-Awtorità hija impenjata li tosserva l-istandards ewlenin ta' eċċellenza xjentifika, onestà, trasparenza, indipendenza u ta' rispons f'waqtu. Billi taħdem b'mod indipendenti, miftuħ u trasparenti, l-EFSA twassal l-aqwa parir xjentifiku possibbli u għalhekk tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ is-sistema Ewropea tas-sigurtà tal-ikel u tal-għalf.

Għal aktar informazzjoni dwar l-EFSA, jekk joġġbok irreferi għar-Regolament ta' Stabbiliment tagħha:

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:2002R0178:20090807:MT:PDF

3. L-irwol tal-Panils Xjentifiċi tal-EFSA

Il-Panils Xjentifiċi u l-Kumitat Xjentifiku huma responsabbli għall-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità u pariri oħrajn kif ikun meħtieġ, kull wieħed fi ħdan il-qasam tal-kompetenza tiegħu. Jipproduċu opinjonijiet xjentifiċi kif ukoll pariri għall-ġesturi tar-riskji. Dan jgħin biex tiġi pprovduta bażi soda għall-formolazzjoni tal-politiki Ewropej u tal-leġiżlazzjoni Ewropea u dan jappoġġa lill-ġesturi tar-riskji fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Panils Xjentifiċi huma normalment magħmulin minn wieħed u għoxrin (21) espert xjentifiku indipendenti. Il-Kumitat Xjentifiku huwa magħmul mill-Presidenti ta' kull Panil Xjentifiku u minn sitt (6) esperti xjentifiċi oħrajn.

Il-Membri tal-Panils Xjentifiċi u tal-Kumitat Xjentifiku jinħatru għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded darbtejn. Il-membri huma mistennija li jattendu u li jikkontribwixxu b'mod attiv fil-laqgħat kollha tal-Panil tal-Kumitat Xjentifiku jew tal-Panils Xjentifiċi fejn jiġu adottati l-opinjonijiet, id-dikjarazzjonijiet jew id-dokumenti ta' gwida.

Dawn l-opinjonijiet, id-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti ta' gwida xjentifiċi huma ppubblikati fil-Ġurnal tal-EFSA, pubblikazzjoni ta' kull xahar li hija indiċjata fid-databases biblijografiċi rilevanti għax-xogħol tal-EFSA.

L-applikanti jiġu riferuti għall-Anness I ippubblikat fis-sit elettroniku tal-EFSA biex jikkonsultaw id-deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti tal-Panils Xjentifiċi.

L-applikanti huma rrakkomandati li jagħtu attenzjoni partikolari għall-Anness I meta jħejju l-applikazzjonijiet tagħhom. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, fir-rigward ta' jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-għażla (ara sezzjoni 5 hawn taħt), sejra tingħata l-konsiderazzjoni dovuta għall-adegwatezza tal-profili tal-applikanti fir-rigward tal-mandat tal-Panils Xjentifiċi.

Għal aktar informazzjoni dwar l-għażla tal-Membri tal-Kumitatu Panils Xjentifiċi u l-Kumitat Xjentifiku jekk joġġbok irreferi għal "Decision of the Executive Director concerning the selection of members of the Scientific Committee, Scientific Panels and external experts" ("Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar l-għażla ta' membri tal-Kumitat Xjentifiku, Panils Xjentifiċi u esperti esterni")

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/expertselection.pdf

Għal aktar informazzjoni dwar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-Panils Xjentifiċi u l-Gruppi ta' Ħidma tagħhom, jekk joġġbok irreferi għal "Decision of the Management Board concerning the establishment and operations of the Scientific Committee, Scientific Panels and of their Working Groups" ("Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal- Kumitat Xjentifiku, Panils Xjentifiċi u tal-Gruppi ta' Ħidma tagħhom").

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/paneloperation.pdf

4. **Ir-rwol tal-membri tal-Panils Xjentifiċi tal-EFSA**

Il-membri tal-Panils Xjentifiċi huma xjenzati esperjenzati u indipendenti magħżulin u maħturin skont ir-regoli tal-EFSA u r-Regolament ta' Stabbiliment tal-EFSA.

Matul il-mandat tagħhom, il-membri tal-Panils Xjentifiċi sejrin jintalbu jwettqu l-kompiti li ġejjin:

— Jikkontribwixxu għad-diskussjoni, it-tħejjija u l-adozzjoni ta' opinjonijiet xjentifiċi tal-Panil Xjentifiku u l-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma tagħhom;

— Jikkontribwixxu għall-parir xjentifiku dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Panil Xjentifiku;

— Jagħtu pariri dwar it-twettiq u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet xjentifiċi tal-Panil Xjentifiku.

Il-membri tal-Panils Xjentifiċi jistgħu jintgħażlu bħala Presidenti, viċi-presidenti u rapporteurs tal-Panils Xjentifiċi u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Panil ta' Ġestjoni tal-EFSA [1] dwar l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku u tal-Panils Xjentifiċi.

Kundizzjonijiet ġenerali:

Membri ta' Panils Xjentifiċi sejrin jintalbu jattendu għal laqgħat ta' jumejn li normalment isiru f'Parma, l-Italja. Dawn il-laqgħat isiru bejn sitta u tmien darbiet fis-sena.

Minbarra dan, il-Membri tal-Panils Xjentifiċi huma mistennija li jipparteċipaw, kif ikun xieraq, f'xi laqgħat tal-gruppi ta' ħidma li huma stabbiliti mill-Panils Xjentifiċi. Dawn il-laqgħat normalment jiġu organizzati bejn sitta u tmien darbiet fis-sena.

L-attendenza fil-laqgħa tal-Panils Xjentifiċi jew tal-gruppi ta' ħidma teħtieġ xi ammont ta' xogħol preparatorju, inkluż qari minn qabel u abbozzar ta' dokumenti. Il-laqgħat u ħafna mid-dokumenti huma bl-Ingliż.

[1] Għal aktar informazzjoni, irreferi għal:
http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/paneloperation.pdf

L-applikanti huma meħtieġa li jesprimu l-impenn tagħhom li, jekk jinħatru, huma jipparteċipaw fl-attivatijiet tal-Panils Xjentifiċi.

L-EFSA sejra, skont ir-regoli finanzjarji tagħha, tħallas l-ispejjeż tal-vjaġġi, benefiċċji ta' kuljum u tal-akkomodazzjoni tal-membri. Indennizz speċjali jitħallas għal kull jum sħiħ ta' attendenza għal laqgħa ([1]).

5. **Proċedura tal-Għażla**

Fil-formola ta' applikazzjoni, il-kandidati jintalbu jagħżlu bejn iż-żewġ Panils Xjentifiċi skont l-ordni ta' preferenza tagħhom.

Ir-rekwiżiti

Kull applikazzjoni sejra tiġi mgħarbla skont ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà li ġejjin.

A. *Kriterji ta' eliġibbiltà*

(i) Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' (4) snin attestati b'diploma fl-oqsma li ġejjin: l-Agrikoltura, is-Saħħa tal-annimali, il-Bijokimika, il-Bijoinformatika, il-Bijoloġija, il-Bijometrika, il-Bijoteknoloġija, il-Kimika, l-Espożizzjoni għad-dieta, l-Ambjent, l-Epidemjoloġija, ix-Xjenza tal-ikel, it-Teknoloġija tal-ikel, il-Ġenetika, is-Saħħa u sigurtà fl-ikel, il-Mediċina tal-bniedem, ix-Xjenzi tal-ħajja, il-Matematika, il-Mikrobijoloġija, ix-Xjenzi naturali, in-Nutrizzjoni, il-Farmaċija, ix-Xjenzi tal-pjanti, is-Saħħa Pubblika, l-Istatistika, it-Tossikoloġija, il-Mediċina Veterinarja jew oqsma relatati;

(ii) Barra minn hekk, mill-anqas għaxar (10) snin ta' esperjenza professjonali rilevanti għall-kompetenza tal-Panil(s) magħżul(a) miksubin wara li tkun inkisbet id-diploma;

(iii) Għarfien eċċellenti tal-lingwa Ingliża ([2]);

(iv) L-applikanti jridu jimlew id-Dikjarazzjoni tal-Interessi inkluża fl-applikazzjoni b'mod estensiv, preċiż u komplet ([3]). Jekk jogħġbok innota li jekk ma timlix din il-parti tal-formola b'mod komplet, dan iwassal sabiex l-applikazzjoni tiegħek tiġi rifjutata ([4]);

(v) L-applikanti jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE), tal-pajjiżi fl-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jew tal-pajjiżi kandidati tal-UE. Esperti minn pajjiżi terzi jistgħu japplikaw ukoll iżda jiġu kkunsidrati biss għal sħubija fil-Panils Xjentifiċi, meta l-livell meħtieġ ta' ħila ma jkunx jista' jinstab fost ċittadini tal-pajjiżi tal-UE, tal-EFTA jew tal-Pajjiżi kandidati għal sħubija fl-UE.

(vi) Impenn biex jattendu għal-laqgħat u biex jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Panils.

B. *Kriterji tal-għażla – Evalwazzjoni*

L-applikazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà (ara sezzjoni 5.A) sejrin jiġu ammessi għal evalwazzjoni komparattiva mwettqa mill-EFSA fuq il-bażi tal-kriterji ta' għażla indikati hawn taħt.

L-applikanti huma mħeġġa ħafna li jimlew il-formola tal-applikazzjoni fis-sezzjonijiet kollha bl-informazzjoni u bl-evidenza kollha meħtieġa, minħabba li din sejra tifforma l-bażi għall-evalwazzjoni tagħhom.

L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha meqjusin eliġibbli sejra ssir permezz ta' medda ta' punteġġi minn 0 (żero) sa 5 (ħamsa) għal kull kriterju ta' għażla indikat hawn taħt. Sabiex tiġi riflessa l-importanza relattiva tad-diversi kriterji ta' għażla, sejjer jiġi attribwit koefficjent ta' peżar. Kull applikazzjoni sejra tikseb medda ta' punteġġ ta' bejn 0 (żero) u 100 (mija).

([1]) Għal aktar informazzjoni, irreferi għal: http://www.efsa.europa.eu/efsa_rep/repository/documents/Experts_compensation_guide.pdf

([2]) "Għarfien eċċellenti" għandha tfisser li tikkorrespondi għal livell B2 jew ogħla (jiġifieri livelli C1 u C2) kif speċifikat fid-dokument ta' referenza tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Portafoll Ewropew tal-Lingwi ("Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza: Kif titgħallem, Kif tgħallem, u Valutazzjoni"). Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għal http://www.coe.int/t/dg4/linguistic/Source/Framework_en.pdf

([3]) Għal aktar gwida dwar kif timla d-Dikjarazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għad-Dokument ta' Gwida dwar id-Dikjarazzjonijiet ta' Interess, disponibbli mis-sit elettroniku tal-EFSA fuq http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencepolicy.pdf and http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencerules.pdf

([4]) Jekk jogħġbok ara sezzjoni 8 ta' din is-sejħa fuq Indipendenza u dikjarazzjonijiet ta' impenn u interess.

Sejrin jiġu eżaminati l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

— Esperjenza fit-twettiq ta' valutazzjoni xjentifika tar-riskju fl-oqsma relatati mas-sigurtà fl-ikel u l-għalf fl-oqsma ta' kompetenza u għarfien espert tal-Panil Xjentifiku ppreferut (Massimu ta' 15-il punt minn 100).

— Esperjenza fl-għoti ta' pariri xjentifiċi oħrajn fl-oqsma relatati mas-sigurtà fl-ikel u l-għalf fl-oqsma ta' kompetenza u għarfien espert tal-Panil Xjentifiku ppreferut (Massimu ta' 15-il punt minn 100).

— Eċċellenza xjentifika li tista' tingħata prova tagħha f'qasam wieħed, jew preferibbilment f'aktar minn wieħed, relatata mal-qasam kopert mill-Panil Xjentifiku ppreferut. (Massimu ta' 20 punt minn 100).

— Esperjenza ta' ħidma xjentifika fl-istudju tal-pari (peer-reviewing) u l-pubblikazzjonijiet, preferibbilment f'oqsma relatati mal-qasam ittrattat mill-Kumitat Xjentifiku jew mill-Panil Xjentifiku ppreferut. (Massimu ta' 15-il punt minn 100).

— Ħila li ssir analiżi ta' informazzjoni u ta' faxxikli kumplessi, ħafna drabi minn firxa wiesgħa ta' dixxiplini u sorsi xjentifiċi u li jitħejjew abbozzi ta' opinjonijiet u rapporti xjentifiċi (Massimu ta' 10 punti minn 100).

— Esperjenza professjonali f'ambjent multidixxiplinarju, preferibbilment f'kuntest internazzjonali (Massimu ta' 10 punti minn 100).

— Esperjenza fl-immaniġġjar ta' proġetti relatati ma' kwistjonijiet xjentifiċi (Massimu ta' 5 punti minn 100).

— Ħiliet komunikattivi evidenzjati, ibbażati fuq esperjenza tat-tagħlim, preżentazzjonijiet pubbliċi, parteċipazzjoni attiva f'laqgħat, pubblikazzjonijiet (Massimu ta' 10 punti minn 100).

L-applikanti jistgħu jiġu kkunsidrati biss għal sħubija jekk l-applikazzjoni tagħhom tikseb punteġġ li jkun aktar minn punteġġ ta' aċċettazzjoni ta' 66 punt (minn 100). L-EFSA tirriserva d-dritt li tikkonsulta mal-partijiet terzi dwar l-esperjenza professjonali tal-applikanti fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħhom.

Minbarra l-kriterji msemmija hawn fuq, id-Dikjarazzjoni Annwali tal-Interessi sejra tiġi riveduta skont il-Proċedura tal-EFSA għall-Identifikazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Kunflitti ta' Interess Potenzjali [1]. Il-firxa ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali tiġi kkunsidrata meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk applikant huwiex sejjer jiġi evalwat aktar.

Għal aktar informazzjoni dwar l-għażla tal-Membri tal-Panils Xjentifiċi jekk joġħġbok irreferi għad-"Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar l-għażla tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku, tal-Panils Xjentifiċi u esperti esterni"

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/expertselection.pdf

6. **Lista ta' riserva u Ħatriet**

L-applikanti li jinstabu li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal sħubija jistgħu jinħatru bħala membri għal mandat ta' tliet snin, fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Panil ta' Ġestjoni tal-EFSA fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv tal-EFSA.

Qabel il-ħatra, l-EFSA żżomm id-dritt li tqabbel l-applikazzjoni tal-applikanti kkunsidrati għal sħubija ma' dokumenti u ċertifikati sabiex tikkonferma l-preċiżjoni u l-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.

L-applikanti li jinstabu li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal sħubija sejrin jiġu inklużi fil-lista ta' riserva. L-applikanti għandhom jinnotaw li l-inklużjoni f'lista ta' riserva ma jiggarantixxix il-ħatra bħala membru.

L-applikanti li jitqiegħdu fil-lista ta' riserva li tirriżulta minn din is-sejħa, jistgħu bil-kunsens minn qabel tagħhom, jinħatru bħala membri ta' Panil Xjentifiku anki jekk ma jkunux applikaw speċifikament għal sħubija f'dan il-Panil.

[1] Disponibbli mis-sit elettroniku tal-EFSA fuq http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencepolicy.pdf u http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencerules.pdf

7. **Database tal-esperti**

Il-kandidati eliġibbli kollha sejrin ikunu mistiedna biex japplikaw fid-database tal-esperti tal-EFSA.

Għal aktar informazzjoni dwar id-database tal-esperti tal-EFSA:

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/WhoWeAre/efsa_locale-1178620753812_1178712806106.htm

8. **Indipendenza u dikjarazzjonijiet ta' impenn u interess**

Il-membri tal-Panils Xjentifiċi jinħatru f'kapaċità personali. L-applikanti huma meħtieġa jinkludu dikjarazzjoni li huma sejrin ikunu impenjati li jaġixxu b'mod indipendenti minn kull influwenza barranija, kif ukoll dikjarazzjoni tal-interessi li jistgħu jitqiesu bħala ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom (ara l-kriterju ta' eliġibbiltà iv fis-Sezzjoni 5.A). L-applikanti huma responsabbli għall-kontenut tad-dikjarazzjoni ppreżentata li sejra tiġi vvalutata mill-EFSA skont id-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv li timplimenta l-Politika tal-EFSA dwar l-Indipendenza u l-Proċess Xjentifiku ta' Teħid ta' Deċiżjonijiet fir-rigward tad-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi.

L-applikanti jistgħu jiġu kkuntattjati għal kjarifika ulterjuri dwar id-Dikjarazzjoni tal-Interessi li ppreżentaw mal-applikazzjoni tagħhom.

Ara hawn taħt għal xi eżempji ta' x'jitqies bħala Kunflitt ta' Interess:

— Mhijiex permessa Sħubija f'Panils Xjentifiċi għall-kandidati li, fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, huma impjegati minn kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li twettaq xi waħda mill-attivitajiet li li r-riżultati xjentifiċi tal-EFSA jħallu impatt dirett jew indirett, bħall-produzzjoni tal-ikel, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, l-agrikoltura jew it-trobbija tal-annimali. Dan jinkludi kwalunkwe forma ta' okkupazzjoni jew kummerċ regolari, part-time jew full-time, imħallsa jew mhux imħallsa, inkluż impjieg indipendenti (eż konsulenza) għall-benefiċċju tal-persuni msemmija hawn fuq.

— Mhijiex permessa Sħubija f'Panils Xjentifiċi għall-kandidati li, fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, huma involuti f'konsulenza ad-hoc jew okkażjonali lil korpi bħall-Assoċjazzjoni Ewropea ta' produtturi ta' prodotti li l-Panil rilevanti jivvaluta, dwar firxa ta' suġġetti tant wiesgħa' li din l-attività tkun regolarment f'kunflitt ma' punti fuq l-aġenda tal-Panil Xjentifiku rilevanti.

Għal aktar informazzjoni dwar id-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi:

Politika dwar l-Indipendenza u l-Proċessi għat-Teħid ta' Deċiżjonijiet Xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel:

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencepolicy.pdf

Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv li timplimenta l-Politika tal-EFSA dwar l-Indipendenza u l-Proċessi għat-Teħid ta' Deċiżjonijiet Xjentifiċi dwar id-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi:

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencepolicy.pdf

Rapport tal-EFSA lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' indipendenza tagħha għall-2007-2012:

http://www.efsa.europa.eu/en/keydocs/docs/independencepolicyreport0712.pdf

9. **Opportunitajiet indaqs**

L-EFSA tagħti attenzjoni kbira għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' trattament ugwali fil-proċeduri tagħha.

10. **Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

Il-kandidati huma mitluba li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom flimkien mad-Dikjarazzjoni tal-Interessi b'mod elettroniku permezz tal-websajt tal-EFSA: http://www.efsa.europa.eu/

L-applikazzjonijiet jitqiesu ammissibbli biss jekk formola tal-applikazzjoni mimlija kif meħtieġ tiġi sottomessa online. Applikazzjonijiet mibgħuta b'posta rreġistrata jiġu aċċettati b'eċċezzjoni, f'każ ta' nuqqas serju tas-sistema online tal-IT.

Applikazzjonijiet mibgħuta permezz ta' posta tradizzjonali/elettronika mhumiex sejrin jiġu aċċettati.

Il-kandidati huma ġentilment mitluba biex jimlew l-applikazzjoni tagħhom bl-Ingliż biex jiffaċilitaw il-proċedura tal-għażla.

L-applikanti kollha jiġu infurmati permezz tal-posta dwar ir-riżultat tal-proċess tal-għażla.

L-informazzjoni personali li l-EFSA titlob mingħand l-applikanti tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([1]).

L-għan tal-ipproċessar tad-dejta personali huwa li jiġu mmaniġġjati l-applikazzjonijiet għal sħubija fil-Kumitat jew fil-Panils Xjentifiċi tal-EFSA.

11. **Data tal-għeluq sa meta jintbagħtu l-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mis-**17 ta' Ġunju 2013 f'nofs il-lejl** (Ħin lokali, GMT + 1).

Jekk jogħġbok innota li, minħabba n-numru kbir ħafna ta' applikazzjonijiet li nirċievu, meta d-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tkun fil-qrib, is-sistema jista' jkollha problemi biex tipproċessa l-ammonti kbar ta' dejta. Għalhekk aħna nagħtu l-parir lill-applikanti biex jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom ħafna qabel id-data tal-għeluq.

Nota:

Fil-każ ta' inkonsistenza jew diskrepanza bejn il-verżjoni Ingliża u kwalunkwe verżjoni lingwistika oħra ta' din il-pubblikazzjoni, il-verżjoni bil-lingwa Ingliża għandha tipprevali.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ANNESS I

EFSA/E/2013/001

Panil dwar l-Addittivi fl-Ikel u Sorsi ta' Nutrijenti miżjudin mal-ikel (ANS)

Il-Panil dwar l-Addittivi fl-Ikel u Sorsi ta' Nutrijenti miżjudin mal-ikel (ANS) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) jipprovdi pariri xjentifiċi għall-maniġers tar-riskji dwar sustanzi miżjudin mal-ikel b'mod maħsub jew preżenti b'mod naturali fl-ikel. Il-Panil tal-ANS jittratta kwistjonijiet relatati mas-sigurtà fl-użu ta':

— L-addittivi fl-ikel (applikazzjonijiet ġodda għall-awtorizzazzjoni kif ukoll għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi kollha fl-ikel li kienu permessi qabel l-20 ta' Jannar 2009);

— Is-sorsi ta' nutrijenti (pereżempju: sorsi ta' vitamini u minerali) u ta' sustanzi oħrajn miżjudin mal-ikel għal finijiet nutrittivi;

— Sustanzi oħrajn miżjudin mal-ikel b'mod maħsub, iżda li jeskludu t-taħwir u l-enzimi.

Il-maġġoranza tal-ħidma tal-Panil titwettaq fil-kuntest tal-programm ta' valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi fl-ikel għal sustanzi li ngħatalhom permess li jintużaw qabel l-2009, fejn id-dejta xjentifika għandha tinġabar permezz ta' sejħa pubblika għad-dejta. Barra dan, il-Panil iwettaq il-proċeduri ta' valutazzjoni wara l-applikazzjonijiet sottomessi mill-industrija lill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tas-sorsi ta' nutrijenti u tal-addittivi fl-ikel. Il-Panil jista' jiżviluppa wkoll dokumenti ta' gwida xjentifiċi biex jikkjarifika l-approċċ ta' valutazzjoni u biex jassisti lill-industrija fit-tħejjija ta' applikazzjonijiet ġodda.

Fil-perjodu 2014-2017, wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Panil tal-ANS sejjer ikun il-valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi fl-ikel skont l-iskadenzi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE. B'mod partikulari, il-Panil mistenni jiffoka fuq il-preservattivi u l-emulsifikanti, l-istabbilizzaturi u l-gelling agents, kif ukoll fuq applikazzjonijiet ġodda għal awtorizzazzjoni (jiġifieri addittivi fl-ikel u sorsi ta' nutrijenti ġodda).

Tista' ssib aktar informazzjoni taħt it-taqsima dwar suġġetti ewlenin relatati mal-ANS fis-sit elettroniku tal-EFSA

http://www.efsa.europa.eu/en/panels/ans.htm

F'dan l-isfond, is-sejħa preżenti hija indirizzata b'mod speċjali lix-xjenzati li għandhom għarfien espert fil-valutazzjoni tar-riskji ta' sustanzi kimiċi u fil-valutazzjoni tas-sigurtà tal-addittivi fl-ikel, tas-sorsi ta' nutrijenti jew tas-sustanzi ta' oriġini botanika fl-ikel.

B'mod aktar speċifiku, il-Panil jeħtieġ għarfien espert fl-oqsma li ġejjin:

— It-tossikoloġija (tal-mammiferi), fl-oqsma li ġejjin ta' tossiċità kronika u subkronika (studji ta' doża ripetuti), ġenotossiċità u mutaġeniċità, tossiċità riproduttiva u ta' żvilupp, karċinoġeniċità, allerġeniċità u immunotossiċità;

— It-testjar tat-tossiċità f'testijiet sperimentali fuq l-annimali u t-tossiċità alternattiva;

— It-tossikokinetika u l-metaboliżmu, li jfissru l-assorbiment, id-distribuzzjoni, il-metaboliżmu u t-tneħħija tal-ħmieġ (ADME) ta' sustanzi (it-tossikokinetika u t-tossikodinamika);

— Il-kimika (il-kimika organika, inorganika, analitika u sintetika), speċjalment għall-identifikazzjoni kimika u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi;

— Il-valutazzjoni tal-esponiment u stħarriġ dwar il-konsum;

— It-teknoloġija fl-ikel (il-proċessi tal-manifattura u l-użu ta' addittivi fl-ikel).

Panil dwar Materjali li Jiġu f'Kuntatt mal-Ikel, Taħwir, Enzimi u Għajnuniet għall-Ipproċessar (CEF)

Il-Panil dwar Materjali li Jiġu f'Kuntatt mal-Ikel, Taħwir, Enzimi u Għajnuniet għall-Ipproċessar (CEF) jipprovdi pariri xjentifiċi għall-maniġers tar-riskji dwar sustanzi li jiġu miżjudin mal-ikel b'mod maħsub jew dwar materjal tal-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel. Il-Panil tas-CEF jittratta kwistjonijiet relatati mas-sigurtà fl-użu ta':

— Materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel (sustanzi li jintużaw fil-manifattura ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel u proċessi għar-riċiklaġġ ta' materjal tal-plastik maħsub biex jiġi f'kuntatt mal-ikel);

— Enzimi tal-ikel;

— Sustanzi ta' taħwir;

— Għajnuniet għall-ipproċessar.

Il-maġġoranza tal-ħidma tal-Panil titwettaq fil-kuntest tal-applikazzjonijiet ġodda għall-awtorizzazzjoni tal-enzimi tal-ikel. Barra dan, il-Panil iwettaq il-proċeduri ta' valutazzjoni wara l-applikazzjonijiet sottomessi mill-industrija lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-Istati Membri fl-oqsma tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, it-taħwir u l-għajnuniet għall-ipproċessar. Il-Panil jista' jiżviluppa wkoll dokumenti ta' gwida xjentifiċi sabiex jikkjarifika l-approċċ ta' valutazzjoni u sabiex jassisti lill-industrija fit-tħejjija ta' applikazzjonijiet ġodda.

Fil-perjodu 2014-2017, wieħed mill-kompiti ewlenin sejjer ikun il-valutazzjoni tal-enzimi tal-ikel, inklużi dawk minn mikroorganiżmi mmodifikati ġenetikament, bil-għan li tiġi stabbilita lista tal-UE. L-industrija fl-UE mistennija tissottometti bosta mijiet ta' applikazzjonijiet li l-Panil sejjer jintalab jevalwa. Barra dan, il-Panil sejjer jissokta bil-ħidma tiegħu fl-oqsma tat-taħwir u l-proċessi u l-materjali li jintużaw fl-imballaġġ tal-ikel.

Tista' ssib aktar informazzjoni taħt it-taqsima dwar suġġetti ewlenin relatati mas-CEF fis-sit elettroniku tal-EFSA

http://www.efsa.europa.eu/en/panels/œf.htm

F'dan l-isfond, is-sejħa preżenti hija indirizzata b'mod speċjali lix-xjenzati li għandhom għarfien espert fil-valutazzjoni tar-riskji ta' sustanzi kimiċi, b'enfasi speċjali fuq l-enzimi tal-ikel, is-sustanzi tat-taħwir, is-sustanzi kimiċi li jintużaw fil-produzzjoni ta' materjal tal-plastik jew materjal ieħor għall-ippakkjar tal-ikel.

B'mod aktar speċifiku, il-Panil jeħtieġ għarfien espert fl-oqsma li ġejjin:

— It-tossikoloġija (tal-mammiferi), fl-oqsma li ġejjin ta' tossiċità kronika u subkronika (studji ta' doża ripetuti), ġenotossiċità u mutaġeniċità, tossiċità riproduttiva u ta' żvilupp, karċinoġeniċità, allerġeniċità u immunotossiċità;

— L-ittestjar tat-tossiċità f'testijiet sperimentali fuq l-annimali u t-tossiċità alternattiva;

— It-tossikokinetika u l-metaboliżmu, li jfissru l-assorbiment, id-distribuzzjoni, il-metaboliżmu u t-tneħħija tal-ħmieġ (ADME) ta' sustanzi (it-tossikokinetika u t-tossikodinamika);

— L-epidemjoloġija (tal-bnedmin);

— Il-kimika (il-kimika organika, analitika u sintetika), speċjalment għall-identifikazzjoni kimika u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi u għall-ittestjar tal-immigrazzjoni ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel;

— Il-valutazzjoni tal-espożizzjoni u stħarriġ dwar il-konsum;

— It-teknoloġija fl-ikel (il-proċessi tal-manifattura u l-użu ta' għajnuniet għall-ipproċessar);

— Il-mikrobijoloġija tal-ikel, inkluża l-bijoteknoloġija tal-enzimi bl-użu ta' mikroorganiżmi mmodifikati ġenetikament.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6891 – Agrofert/Lieken)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 107/08)

1. Fit-8 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Agrofert Holding a.s. (ir-Repubblika Ċeka), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' Lieken AG (il-Ġermanja), li bħalissa hija kkontrollata mill-Grupp Barilla, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Agrofert Holding a.s.: attivitajiet fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel (inkluż il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti industrijali tal-forn), u tal-kimika,

— għal Lieken AG: il-manifattura u l-fornitura ta' prodotti għall-ħobż u għall-kejkijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6891 – Agrofert/Lieken, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6842 – Goldman Sachs/TPG Lundy/Verna Group)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 107/09)

1. Fid-9 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi The Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti) u TPG LundyCo, LP ("TPG Lundy", il-Gżejjer Cayman), finalment ikkontrollata minn TPG Group (l-Istati Uniti), jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Verna Group International Limited ("Verna Group", ir-Renju Unit), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Goldman Sachs: l-għoti ta' servizzi finanzjarji bħala ditta globali tas-servizzi bankarji tal-investiment, tat-titoli u tal-ġestjoni tal-investimenti,

— TPG Group: ditta globali tal-investiment privat li tmexxi familja ta' fondi, li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv,

— Verna Group: id-disinn, il-manifattura u l-provvista ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart uman għall-industrija tal-kura tas-saħħa, kif ukoll il-provvista ta' siġġijiet mediċi bil-karru lill-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6842 – Goldman Sachs/TPG Lundy/Verna Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT